MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 329/2007

**Paul & Rocco (Marsa) Ltd**
**Vs**

**Carmelo Bugeja**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sbatax (17) ta’ Ottubru 2007, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ erbat elef seba mija u zewg liri Maltin u hamsa u sittin centesmu (LM4,702.65) rapprezentanti import ta’ hamsa w erbghin (45) kambjala skaduta.

Bl-ispejjes legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru Numru 2547/07 kontra l-intimat li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi il-konvenut kien debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni permezz ta' affissjoni fl-indirizz moghti fl-avviz, fl-ghassa tal-Pulizija taz- Zejtun, fil-kunsill lokali taz-Zejtun nhar is-sebgha (7) ta' Jannar 2008, u bil-publikazzjoni tal-Gazetta tal-Gvern nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2008 (fol. 13).

Rat illi in segwitu l-istess konvenut gie notifikat b'avviz li deher fil-gazetta lokali 'The Malta Independent' nhar is-sebgha (7) ta' Frar 2008.

Illi fis-seduta tal-tmintax (18) ta' Frar 2008 is-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Gunju 2008 il-konvenut gie imsejjah tlett darbiet izda ma dehritx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici u semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbat elef seba mija u zewg liri Maltin u hamsa u sittin centesmu (LM4,702.65) ekwivalenti ghal 10953 Euro, rapprezentanti import ta' hamsa w erbghin (45) kambjala skaduta, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------